*- ANNULLAMENT TAZ-ZWIEG –*

*- ARTIKOLU 19 (1) (D) U (F) TAL-KAP 255 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 45**
**Citazzjoni Numru: 3166/96/RCP**

**Romina Zammit**

**vs**

**Paul Zammit**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fis-26 ta' Novembru 1994, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A".

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-kontendenti rabtu l-kunsens taghhom ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur kif ser ikun pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-**artikolu 19 (1) (g) u / jew (d) u / jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975** li jirregola z-zwigijiet.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett fil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 5 tal-process;

Rat il-verbali tal-24 ta' Settembru 1998.

Rat in-noti ta' l-attrici Romina Zammit tat-2 ta' Ottubru 1998 a fol. 13 fejn biha pprezentat tliet affidavits, tas-6 ta' Ottubru 1998 li permezz taghha pprezentat traskrizzjoni ta' konversazzjoni li ghaddiet bejnha u bejn il-konvenut.

Rat ir-rikors ta' l-attrici tal-10 ta' Novembru 1998, ir-risposta tal-konvenut Paul Zammit, u d-digriet tal-Qorti tal-11 ta' Dicembru 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tad-19 ta' Mejju 1999 a fol. 91 fejn gie eccepit:

1. Illi l-eccipjent jaqbel li z-zwieg li gie kkontrattat bejn il-kontendenti ghandu jigi ddikjarat null u bla ebda effett *ai fini* u effetti kollha tal-ligi, izda ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 92 tal-process.

Rat il-verbali tal-4 ta' Marzu 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Edwina Chetcuti bhala Espert Legali.

Rat is-seduti kollha mizmuma mill-Espert Legali.

Rat il-verbali tas-seduta tal-21 ta' Gunju 1999 u tal-10 ta' Jannar 2000, tal-15 ta' Mejju 2000, tat-13 ta' Novembru 2000, tas-6 ta' Frar 2001 u tat-2 ta' Mejju 2001, tat-30 ta' Ottubru 2001, tal-20 ta' Novembru 2001; tal-4 ta' Frar 2002; tal-10 ta' April 2002 fejn Dr. Edwina Grima halfet ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali esebit minn fol. 127 sa 146.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. PROVI**

Illi pemezz ta' affidavit ipprezentat fit-2 Ta' Ottubru 1998, l-attrici xehdet is-segwenti fuq il-hajja matrimonjali taghha mal-konvenut. Hija tixhed u tghid li ltaqghet mal-konvenut xi sena u hames xhur qabel iz-zwieg. Dan kien f'Gunju 1993, meta hija marret tahdem fl-istess post fejn kien jahdem il-konvenut gewwa Hal Qormi. Hija tghid illi hi u l-konvenut iddecidew illi jibdew johorgu flimkien madwar seba' xhur wara li kienet bdiet tahdem hemmhekk. Hija tkompli tghid illi l-konvenut ma kienx l-ewwel guvni li kienet harget mieghu. Fil-fatt hija tghid illi bdiet tohrog mal-konvenut hekk kienet ghadha kemm hassret relazzjoni ma'

guvni iehor li kienet thobb hafna. Tistqarr illi hija bdiet tohrog mal-konvenut mhux ghaliex kienet thobbu izda ghal kumpanija ghaliex kienet idejqet tohrog wahedha. Illi tammetti illi ghall-ewwel li kienet bdiet tohrog mal-konvenut kienet baqghet tiltaqa' ma' dan il-guvni precedenti li kien jismu Jason Meilaq. Hija fil-fatt spiccat biex qalet lill-konvenut illi kienet ghadha thobb lil dan Meilaq ghaliex bdiet tniggizha l-kuxjenza. Hija tghid illi din l-ahbar ma kenitx hasdet lill-konvenut li kien qalilha li ghalih ma kienx daqstant jimporta *purche'* hija tibqa' tohrog mieghu. L-attrici ddecidiet li taqta' minn ma' dan Meilaq meta sar jaf missierha b'din ir-relazzjoni u wrieha bic-car illi ma kienx qieghed jiehu gost b'dan l-agir taghha. Huwa fil-fatt kien qal lill-konvenut li wrieh illi kien diga` jaf bis-sitwazzjoni u li ghalih ma kienx hemm inkwiet. Izda tant missier l-attrici baqa' jgorr, illi hija ddecidiet li taqta' minn ma' Jason Meilaq u tkompli mal-konvenut. Dana ghamlitu mhux ghaliex kienet thobb lill-konvenut partikolarment, izda biex tikkuntenta lill-familjari taghha u ma tibqax tisma' t-tgergir. Dana gara madwar sitt xhur wara li l-kontendenti kienu bdew johorgu flimkien.

Illi wara dan, l-attrici tghid illi missierha beda jallega illi l-konvenut kien omosesswali. Hija hasbet illi missierha kien qieghed ighidilha hekk biex jaqbad maghha u jdejjaqha u ghalhekk ma tatx kasu. Fil-fatt hija tghid illi missierha sahansitra beda jkun aggressiv maghha u mhux l-ewwel darba illi kienu jispiccaw fl-idejn. Missierha beda jerfa' jdejh fuqha u ghalhekk hija kienet gharrfet lill-konvenut

b'dan li min-naha tieghu ssugerixxa illi jipprocedu legalment kontra missierha ghal dan l-agir.

Illi hija tirrakkonta illi kien hemm okkazjoni partikolari fejn missierha kien staqsiha jekk kienx qed ikollha relazzjonijiet intimi mal-konvenut u jekk huwa kienx qed ikollu x'jaqsam maghha b'mod abnormali. L-attrici tghid illi kienet hassitha ferm imbarazzata b'dan. Hija hassitha umiljata aktar u aktar peress illi hija ma kellhiex kunfidenza ma' missierha peress illi kienet ghaddiet it-tfulija taghha ghand is-sorijiet *Ta' Angela House*. Kien ghalhekk illi hija ddecidiet li titlaq definittivament mid-dar tal-genituri taghha. Hija tghid illi qatt ma stenniet li missierha kien ser ighidilha tali diskors gialadarba hija ma kellhiex kunfidenza mieghu.

Illi l-attrici tkompli tghid illi marret tghix ghand omm il-konvenut. Tkompli tghid illi wara ftit ommu ddejjqet bihom id-dar x'aktarx minhabba il-fatt illi huma ma kenux mizzewgin. Fil-fatt hija spiss kienet tinsisti maghhom biex huma jizzewgu u wara ftit hija tghid li spiccaw darhom mal-hajt u ddecidew li jkun ahjar li jizzewgu. Fi zmien sitt (6) xhur ghalhekk huma spiccaw izzewgu. Hija tghid illi tant kienu mghagglin biex jizzewwgu u jehilsu mill-inkwiet li kellhom, illi huma ma kellhomx l-opportunita` li jitkellmu bil-kwiet ma' xulxin u jippjanaw il-familja li kienu ser jibnu. Hija tghid illi l-konvenut kien mohhu biss biex jixtru dar u biex ighammruha. Fil-fatt il-konvenut kien jinsisti maghha illi hija tibqa' tahdem anke wara z-zwieg sabiex ikollhom il-flus bizzejjed biex ighammru d-dar.

Illi l-attrici tghid illi meta hija kienet tqajjem id-dikors dwar it-tfal, huwa kien juriha bic-car illi ma riedx ikollu tfal. F'dan huwa kien isib l-appogg ta' ommu li kienet tenfasizza illi kellhom jibqghu jahdmu biex b'hekk ighixu komdi u ghalhekk ma kellhomx ghalfejn ikollhom tfal. Hija tistqarr illi fis-sitwazzjoni li kienet tinstab fiha ftit li xejn setghet tilmenta dwar dan il-fatt u bejnha u bejn ruha kienet tghid: *"inhallihom ighidu u wara z-zwieg naraw x'naghmlu."*

Illi hija tkompli tghid illi xi xahrejn wara li l-kontendenti kienu izzewgu, huma kienu xtraw il-fond 69, "St. John House", Triq l-Isqof Scicluna, Qormi. Dan il-post kien ftit 'il boghod minn fejn kienu jirrisjedu l-genituri tal-konvenut. Fil-fatt huma kellhom cavetta tal-post taghhom, liema cavetta kien ghaddihielhom il-konvenut u kienu jidhlu fuqhom minghajr pre-avviz u fil-hinijiet li riedu huma. Hija tghid illi minhabba f'dan wara z-zwieg hija xorta wahda bdiet thoss illi kienet tilfet l-indipendenza taghha.

Illi wara z-zwieg il-kontendenti komplew jahdmu, izda ftit wara illi huma kienu xtraw il-post, il-konvenut beda jilmenta illi huwa ried jieqaf jahdem bl-iskuza li kien marid u dana peress illi ried joqghod jahdem id-dar bhallikieku kien il-mara. Huwa kien ighidilha illi xtaq li hija tibqa' tahdem u iggib il-paga, filwaqt illi huwa joqghod jiehu hsieb id-dar u il-facendi tad-dar, qisu mara tad-dar. L-attrici tghid illi hija ma kenitx qed thossha komda bil-proposta tal-konvenut u izzid illi hija qatt ma ghamlet facendi id-dar peress illi l-konvenut kien jinsisti illi dan ix-xoghol ried jaghmlu hu.

F'dan iz-zmien hija kienet tahdem bhala *viewer* mal-kumpanija Dowty gewwa I-lmriehel.

Illi l-attrici tghid illi hija wriet lill-konvenut Ii ma kenitx hadet gost bl-idea illi huwa jieqaf jahdem u dana peress illi kien hu li nsista Ii ried dar kbira. Ghalhekk insistiet mieghu illi huwa kellu jibqa' jahdem mal-kumpanija Ii kienet qed tahdem maghha hija stess. Hija kienet tghaddi l-paga kollha taghha lill-konvenut u hu ma kien ighaddilha xejn, u kull meta kien ikollha bzonn iI-flus kien ikollha toqghod kull darba titlob lil zewgha.

Illi madwar sitt xhur wara z-zwieg iI-konvenut kien beda idahhal hbieb tieghu id-dar Ii kienu koppji gharajjes, illum, tghid l-attrici, mizzewwgin. Sahansitra l-konvenut kien offra lil koppja hbieb taghhom biex meta jizzewgu jmorru jghixu maghhom, izda l-attrici ma qablitx u fuq dan kienu ggieldu. L-attrici tghid illi l-konvenut kien qalilha Ii ried hekk biex ikollu prezenza ta' persuna maskili gewwa d-dar.

Illi l-attrici tkompli tghid illi fis-sena taz-zwieg Ii kellhom, rari kellha relazzjonijiet sesswali ma' zewgha u inoltre tghid illi zewgha kien jinsisti maghha illi hija tiehu il-pillola kontracettiva. Inoltre hija tghid illi f'dawn il-ftit okkazjonijiet hija ukoll kienet tiddejjaq ghaliex zewgha kien jinsisti maghha illi jkollhom x'jaqsmu flimkien b'mod abnormali u ghalhekk lanqas l-att sesswali shih ma kien isehh bejniethom. Hija tkompli tghid illi zewgha kien jinsiti illi waqt is-sess huma jaraw xi *videos* pornografici u

ghalkemm kienet turih illi hija ma kenitx tiehu gost, zewgha xorta wahda kien jinsisti u meta f'okkazjoni partikolari hija qabdet u telqet 'il barra mill-kamra, zewgha qam ghaliha u kien aggressiv maghha tant illi dak il-lejl hija raqdet fil-kamra tal-banju bil-biza'.

Illi meta bdiet tahdem part time fil-*Hotel Coastline*, l-attrici tghid illi bdiet aktar tirrealizza illi zewgha kellu tendenzi omosesswali. Hawnhekk huma kienu saru hbieb kbar ma' certu wiehed Stephen li kien jahdem il-Coastline Hotel flimkien maghha u l-mara tieghu. Ftit wara l-konvenut kien avvicina lil martu u qalilha li kien stieden lil Stephen biex ikollu relazzjonijiet sesswali maghha fil-prezenza tieghu, biex huwa ikun jista' jippartecipa ukoll billi jmiss lil Stephen. Dan avvera ruhu u darba minnhom waqt li kienu t-tlieta fis-sodda u Stephen kien qed ikollu relazzjonijiet intimi ma' l-attrici, il-konvenut beda jmiss il-partijiet intimi ta' dan Stephen. Stephen kien irrabja, iggieled mal-konvenut u telaq 'il barra. Xi jiem wara izda l-konvenut kien kellem lil Stephen u skuza ruhu ta' dak li gara u qallu illi huwa seta' jibqa' jmur id-dar u jkollu x'jaqsam ma' martu. Fil-fatt hekk sar u Stephen baqa' jiltaqa ma' l-attrici gewwa darhom. F'dan il-perjodu, l-attrici tghid illi r-relazzjonijiet intimi ma' zewgha waqfu ghal kollox. F'dan il-perjodu, l-attrici tghid illi zewgha kien ammetta maghha illi huwa kellu relazzjonijiet sesswali ma' rgiel ohra. Ammetta ukoll illi qabel iz-zwieg huwa kellu x'jaqsam ma' kuginuh certu Stephen Farrugia u stqarr ma' l-attrici illi hu kien iddispjacih talli kien irvinalha hajjitha fis-sens illi hija kienet izzewget omosesswali. F'din

l-istess okkazjoni, l-attrici tghid illi l-konvenut kien ammetta maghha illi anke kien offra Lm200 lil certu wiehed Noel biex dan ikollu x'jaqsam mieghu. Huwa qallha ukoll illi f'hajtu kellu hafna rgiel, u qabel iz-zwieg kien anke jmur gewwa hanut jara *videos* tas-sess, u li anke kien offra Lm909 lil wiehed Ranier biex ikollu x'jaqsam mieghu. L-attrici tghid illi meta semghet din l-istorja hija ddecidiet titlaq lill-konvenut u ghamlet dan bl-ghajnuna ta' Stephen. Dan kollu gara fl-ewwel sena taz-zwieg. L-attrici finalment tistqarr illi lil zewgha hija qatt ma qalbithielu qabel iz-zwieg izda dan sehh biss wara z-zwieg ma' dan Stephen.

Illi l-attrici pprezentat ukoll zewg affidavits wiehed ta' Joseph Zammit u iehor ta' Stephen Bartolo li jinsabu a fol.21 u 22 tal-process.

Illi **Joseph Zammit** huwa habib tal-konvenut. Sar jafu peress illi n-nanna tal-konvenut toqghod hdejh u huwa kien jarah meta kien imur izurha. Darba minnhom kien iltaqa' mieghu gewwa hanut f'Hal Qormi meta kien qed jixtri *jeans* u l-konvenut kien stiednu biex imur dawra mieghu bil-karozza. Huwa accetta u f'din l-okkazjoni l-konvenut kien talbu bjex ikollu x'jaqsam mieghu sesswalment. Ix-xhud ighid illi huwa kien accetta u hadu id-dar tieghu peress illi kien ighix wahdu. Hawnhekk huwa jghidu illi kellhom relazzjonijiet flimkien. Wara din l-okkazjoni huma zammu kuntatt u kienu jiltaqghu darba fix-xahar. Dan gara fl-ahhar hames snin qabel ma ta x-xhieda tieghu u cjoe' qabel l-1998. F'kull okkazjoni huma kien ikollhom intimitajiet

flimkien. Huwa jkompli jixhed u ighid illi f'dawn l-okkazjonijiet il-konvenut qatt ma qallu illi kien mizzewweg u l-konvenut kien ammetta mieghu illi kellu x'jaqsam ukoll ma' zewgt irgiel ohra li kienu jkunu gewwa l-hanut *Genesis* li jinsab f'Hal Qormi.

Illi **Stephen Bartolo**, imbaghad jixhed u jikkonferma illi huwa sar jaf lill-attrici peress illi kienu jahdmu flimkien gewwa l-*Coastline Hotel*. Kienet introducietu ma' zewgha u kien ghamlilhom xi xoghol fil-kamra tal-banju tad-dar taghhom. Minn hemm saru hbieb u bdew johorgu flimkien. Ighid illi f'okkazjoni partikolari meta huma kienu qed jiehdu *drink* gewwa bar f'Bugibba, il-konvenut kien stiednu biex jibda jkollu relazzjonijiet sesswali ma' martu waqt li hu jkun prezenti. Huwa kien qal lill-attrici b'dan u xi ftit wara waqa' ghat-tentazzjoni u fil-fatt kellu relazzjonijiet sesswali ma' l-attrici fil-prezenza tal-konvenut. F'mument minnhom il-konvenut kien messlu il-parti privata tieghu, u huwa rrabja, iggieled mieghu u telaq 'il barra. Wara dan l-incident huwa ma baqax ikellem lill-konvenut, izda dan kien cempillu u skuza ruhu mieghu u stiednu biex imur jorqod ma' martu.

Illi l-attrici pprezentat ukoll permezz ta' nota traskrizzjoni ta' konverzazzjoni li kienet ghaddiet bejnha u bejn il-konvenut. Illi din ma hijiex ikkonfermata bil-gurament la ta' l-attrici stess u wisq anqas tal-persuna illi ghamlet it-traskrizzjoni taghha. Illi lanqas biss gie esebiet it-*tape* originali li fuqu hemm irregistrata din il-konverzazzjoni biex l-esponenti tkun tista' tikkonstata l-veracita` ta' l-istess. Illi ghalhekk

fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi l-esponenti thoss illi ma ghandhiex tiehu konjizzjoni ta' l-istess prova prodotta mill-parti attrici u kwindi ser tigi skartata.

Illi l-konvenut **Paul Zammit** xehed in subizzjoni quddiem l-esponenti f'sitt seduti u dana fuq domandi maghmula lilu mid-difensur ta' l-attrici. Huwa jikkonferma illi jaf lil Stephen Bartolo u sar jafu meta kellu l-inkwiet ma' l-attrici meta hija marret tghid lil huha illi hija kellha hbiberija ma' dan Bantolo, li kien jahdem maghha gewwa l-Coastline Hotel. Dan id-diskors qalulu hu l-attrici stess Joseph Gatt. Dana gara madwar sena u nofs wara z-zwieg. L-attrici kienet tatu n-numru ta' dan Bartolo u hu mar jiltaqa' mieghu, ma' missieru u ma' missier l-attrici fid-dar taghhom stess. F'din l-okkazjoni missieru beda jberred is-sitwazzjoni ghaliex missier l-attrici beda jhedded lil Stephen li ser joqtlu. Wara din l-okkazjoni l-konvenut ighid illi huwa kien iltaqa' mal-mara ta' dan Stephen. Huwa ighid illi kienu ltaqghu z-zewg koppji flimkien biex jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni. Il-konvenut ighid illi huwa kien anke affronta lil martu u hija ammettiet mieghu illi fil-fatt kienet saret thobb lil dan Stephen u li kien ghalhekk illi hija kienet tghidlu li riedet tissepara. Fuq domanda tad-difensur ta' l-attrici, il-konvenut ighid illi huwa hareg bil-lejl ghax-xoghol u halla lil martu u lil Stephen wahedhom id-dar ghaliex missier l-attrici kien qieghed ihedded li ser joqtlu. Il-konvenut jichad ukoll illi Stephen Bantolo qatt ghamel xi xoghol fil-kamra tal-banju tad-dar tieghu, jichad kategorikament illi qatt kellu relazzjonijiet omosesswali. Huwa jikkonferma illi bhala

koppji kienu hargu xi darbtejn ma' Stephen u martu Moira, darba minnhom gewwa c-*Cherry Tree Bar* u darba ohra l-*Blooms*, gewwa Bugibba u f'din l-okkazjoni huwa u Stephen marru jixtru d-*drinks* mal-bar filwaqt li n-nisa qaghdu wahedhom fuq il-mejda, izda jichad illi huwa qatt stieden lil dan Stephen biex ikollu relazzjonijiet sesswali ma' martu. Jichad ukoll illi l-attrici kellha relazzjonijiet sesswali ma' Bartolo fid-dar taghhom fil-prezenza tieghu u jichad ukoll illi huwa mess lil Bartolo f'okkazjoni meta huwa kien qieghed ikollu x'jaqsam ma' l-attrici.

Il-konvenut ighid illi huwa u Stephen Bartolo baqghu hbieb sakemm hu u l-attrici infirdu. Ighid illi Stephen Bartolo qatt ma dahal ghandhom id-dar u kien iwassal lil martu sa wara il-bieb ta' barra wara x-xoghol. Ighid illi ma jafx kemm-il darba dan sehh u kien ikun jaf b'dan ghaliex kienet tghidlu martu stess. Huwa ighid illi Stephen kien joqghod il-Gzira, filwaqt illi huma kienu joqoghdu Hal Qormi u t-tnejn kienu jahdmu gewwa is-Salina. Ighid illi f'okkazjoni partikolari, Stephen u l-mara tieghu kienu stednuhom id-dar taghom il-Gzira. Dan gara wara illi huwa kien sar jaf illi martu kienet thobb lil Stephen. Jichad ukoll illi qatt hasel il-hwejjeg ta' Stephen Bartolo u ighid illi sakemm kien johrog ma' Romina u anke wara li zzewwigha huwa qatt ma kellu relazzjonijiet sesswali ma' nisa ohra.

Illi fis-seduta tat-22 Ta' Lulju 1999, il-konvenut ighid illi huwa beda johrog ma' l-attrici f'Jannar 1993 u zzewgu f'Novembru 1994. Huma kienu ddecidew li jizzewgu

peress illi l-attrici kienet imdejqa hafna id-dar ghand il-genituri taghha. Ighid illi martu harget tqila f'Gunju 1995 u korriet f'Awissu 1995. Huwa ighid illi ma jafx jekk din it-tarbija kenitx wild naturali tieghu, izda jichad illi fil-perjodu qabel ma' l-attrici harget tqila huma ma kienx ikollhom relazzjonijiet sesswali bejniethom. Il-konvenut jichad illi l-attrici qabel iz-zwieg kienet qaltlu illi ma reditx ikollha tfal.

Il-konvenut jikkonferma illi huwa jaf lil certu Joseph Zammit peress illi huh mizzewweg lil oht missieru. Jichad illi huwa qatt kellu relazzjonijiet sesswali ma' dan Zammit. Huwa ighid illi ma jaqbilx ma dak illi hemm kontenut fix-xhieda kemm ta' Joseph Zammit kif ukoll ta' Stephen Bartolo. Huwa jichad illi qatt kellu xi argument ma' dawn iz-zewg xhieda.

Illi l-konvenut jammetti illi huwa kien jiffrekwenta l-hanut *Genesis*, hanut tal-hwejjeg, li jinsab faccata tad-dar tieghu, immexxi minn certu Tony u George. Huwa jichad, izda, li qatt kellu x'jaqsam ma' dawn iz-zewgt irgiel. Jichad illi huwa qatt qal lil martu li kien jittanta wiehed ibiegh il-pitrolju jew li kien ikollu x'jaqsam ma' l-irgiel. Jichad ukoll li offra is-somma ta' Lm200 lil wiehed mekkanik jismu Noel biex ikollu relazzjonijiet mieghu.

Illi l-konvenut ikompli jixhed illi fl-gherusija huma qatt ma tkellmu fuq l-ippjanar tal-hajja mizzewwga u l-familja. Ighid illi qabel iz-zwieg l-attrici kellha l-inkwiet mal-familja taghha specjalment ma' missierha u dana peress illi huwa ma

riedx lil bintu tizzewweg lilu. Dan l-inkwiet dam sejjer u ghalhekk huma ddecidew li jizzewgu. Missierha ma riedx illi l-konvenut jithallat mal-familja taghhom. Huwa ighid illi qabel iz-zwieg l-attrici kienet qaltlu illi ma reditx ikollha tfal minnu u huwa kien accetta. Il-konvenut ighid illi attrici kienet imbezza' peress illi l-gherusija taghhom kienet wahda qasira u ukoll peress illi n-nies kif ukoll missierha kienu qalulha illi hu kellu tendenzi omosesswali. F'din ix-xhieda l-konvenut ighid illi kien tfixkel fix-xhieda precedenti tieghu u r-risposti illi huwa kien
ta u dana minhabba l-mod kif bdew isirulu d-domandi mid-difensur ta' l-attrici. Huwa jghid illi ghalkemm huma kien ikollhom x'jaqsmu flimkien kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg, dejjem hadu l-prekawzjonijiet biex l-attrici ma tinqabadx tqila. L-attrici kienet tiehu l-pillola kontracettiva u huwa kien jiehu xi prekawzjonijiet ukoll. Huwa ighid illi wara z-zwieg ftit li xejn kien ikollhom kuntatt sesswali peress illi ftit li xejn kienu jiltaqghu minhabba l-impenji taghhom tax-xoghol. Huwa kien jahdem bix-xift u kien jidhol id-dar meta kienet tohrog l-attrici ghax-xoghol. Ighid illi huwa ma kien informa lil hadd bid-decizjoni taghhom li ma jkollhomx tfal.

Illi fis-seduta tas-16 ta' Novembru 1999, il-konvenut jerga' jghid illi qabel iz-zwieg huma kellhom hafna nkwiet kemm mal-familjari ta' l-attrici, kif ukoll mal-familjari tieghu, izda b'xi mod ippruvaw jirrangaw dawn id-divergenzi kit setghu u zzewwgu. Ghall-ewwel tliet xhur taz-zwieg huma marru jghixu mal-genituri tieghu. Kien minhabba f'dan l-inkwiet u

peress illi ma kenux isettiljaw illi ddecidew illi ma ikollhomx tfal fiz-zwieg. Kienet l-attrici stess milli pproponiet dan l-arrangament u huwa kien accetta. Wara iz-zwieg ghalhekk waqt l-att sesswali kienu joqghodu attenti illi Romina ma tinqabadx tqila. Huwa ighid illi l-attrici apparti li kienet tiehu l-pillola kontracettiva kienet ukoll timbuttah hekk kif ikun ser jegakula. Huwa ighid illi kien accetta din is-sitwazzjoni. Wara z-zwieg, il-konvenut, ighid illi huma bdew jiggieldu ta' spiss u jerga' jghid illi ftit li xejn kienu jiltaqghu minhabba x-xoghol taghhom u ghalhekk linsistenza li ma jkollhomx tfal kibret. Fl-istess seduta l-attrici kkonfermat ix-xhieda tal-konvenut u zzid tghid illi kien il-konvenut stess illi f'xi okkazjonijiet kien imur jixtrilha il-*"pill",* u li kienet hija stess li issuggeriet li ma ikollhomx tfal.

Illi fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2000, il-konvenut ighid fix-xhieda tieghu illi fil-perjodu tan-namrar u ta' l-eghrusija, huwa u l-attrici qatt ma kellhom intimitajiet. Jerga' jtenni illi ma redux tfal minhabba l-problemi li kellhom u li matul iz-zwieg kienu jiehdu l-prekawzjonijiet fir-relazzjonijiet sesswali ta' bejniethom. Fl-ahhar seduta, il-konvenut jikkonferma fil-maggior parti hafna mill-affarijiet li xehed fis-seduti precedenti. Jghid illi kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg huma bil-kemm kienu jiltaqghu minhabba l-impenji tax-xoghol taghhom. Huma kellhom problemi finanzjarji, kienu ghadhom kemm xtraw id-dar f'Hal Qormi, liema dar kienet ghadha vojta.

Illi minhabba f'dan huma ftit ii xejn kienu jqattghu hin flimkien u li kien jara li martu waqt il-hin tal-brejk minn fuq ix-xoghol. Huwa jghid illi l-hajja mizzewga taghhom kienet kwazi inezistenti. Huwa jiddeskrivi z-zwieg tieghu bhala zwieg tal-hamiem. Finalment ighid illi huma damu madwar sena u tmien xhur biss flimkien.

**III. KONSIDERAZZJONIJIET**

Illimill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta li l-attrici qed tibbaza it-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg Ii gie ccelebrat bejnha u bejn il-konvenut fuq l-**artikolu 19(1)(d), (f) u/jew (g) ta'l-Att XXXVII ta'l-1975.**

Illi l-perit legali Dr. Edwina Grima ghaddiet sabiex tezamina l-ewwel n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht id-disposizjonijiet ta' **l-artikolu 19 sub-inciz 1(f) tal-Kap.255** liema artikolu jghid testwalment illi zwieg ikun null:

*"Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar milI-elementi essenzjaii tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Illi l-kunsens huwa l-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista ighid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet

jimmanifestaw ii-kunsens taghhom. L-awtur **F. Anzar Gil** fil-ktieb tieghu: ***"El nuevo derecho matrimonial canonico"*** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali.

*"Nel senso giuridico ampio viene chiamato consenso l'incontro di diverse volonta' in ordine allo* stesso *obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale."*

Illi din il-Qorti tirreferi ghall-ktieb **"The Code of Canon Law"** (James A. Coriden) jinghad li fil-kuntest ta' zwieg l-kunsens matrimonjali ghandu jirrizulta mill-azzjonijiet kombinati tal-fakulatijiet deliberattivi, kritici, volitivi u ta' determinazzjoni ta' ghazla mill-persuni nvoluti u dan ghaliex l-kuncett essenzjali taz-zwieg huwa personalista fin-natura tieghu b'dan ghalhekk li :

*"It is rooted in the contract (foedus) of the partners, that is, in their irrevocable personal consent. It is an insititution confirmed by law and receiving its stability, even in the eyes of society, from the human act by which the partners surrender themselves to each other".*

Illi l-istess perit legali kompliet tghid li *"ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel*

*mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju li dik l-azzjoni umana hija wahda simulata".*

*"Simula quindi a finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta` di celebrarlo, mentre in realta', nell'interno della sua volonta' non vuole ía celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quei che si vuole nell'interno della volonta'."* (**J.F. Castano' - *Il Sacramento del Matrimonio)***

Illi l-ligi fl-**artikolu 19(1)(f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita` tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilt iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta'l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita` o meno tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa

necessarju li volonta` tal-persuna Ii tkun tat dak iI-kunsens tigi nvestigata. II-ligi tistabilixxi li biex iI-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi jkun hemm l-assenza tal-voIonta` ghaz-zwieg, izda jrid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna Ii tkun qed taghti il-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha I-volonta` w ix-xewqa Ii teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali ikun car illi kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta' non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita` ma l'atto della volonta' puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita` vale a dire mediante iI modo di comportarsi del soggetto che esclude, a mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta`, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi."* (**O. Giacchi - *Il Consenso Matrimoniale Canonico)***

Illi ghalhekk fir-rigward ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** anke skond is-sentenza **"Mario Testa vs Louise Testa nee' Polster"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) *"dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali ("colorem habens, substantiam vero*

*nullam") kif ukoll dak parzjali (colorem habens, substantiam vero alteram) tal-kunsens"*.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** ( P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort' ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech" (**P.A.14 ta' Awissu1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att pozittiv tal-volonta` tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie ritenut fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912) :-

*"a poter dedursi la invalidita` dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita`, ma una simulazione, cioe' 'fictio sui ostensio falsi pro vero".*

Illi kif sostniet il-Qorti fis-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti il-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja` mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li

jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg.

Illi ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga",* u cjoe' simulazzjoni parzjali, il- Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A.(NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied.* L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"Consortium Vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe` l-imhabba konjugali u r-responsabilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubilita' taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-

ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilita` fiz-zwieg.

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kuncett tas-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali, l-istess perit legali ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi prodotti.

*"Illi qabel xejn l-esponenti tixtieq tirrileva illi hemm konfliggenza qawwija fil-provi prodotti f'din il-kawza. Il-verzjonijiet moghtija mill-partijiet ghalkemm jaqblu fuq xi punti, izda jvarjaw f'diversi punti ohra. Anke l-kontendenti stess fix-xhieda taghhom, specjalment il-konvenut, jikkontradixxu lilhom infushom f'xi aspetti, tant illi l-esponenti thoss illi difficilment tista' tasal f'xi partijiet mix-xhieda taghhom, biex temmen mija fil-mija xi parti jew ohra".*

**(A) <u>Il-KWISTIONI DWAR IT-TFAL.</u>**

Illi mill-kumpless tal-provi jidher illi l-partijiet, it-tnejn eskludew it-tfal kemm qabel iz-zwieg u anke wara li zzewgu. Jidher illi bejn il-kontendenti kien hemm problemi serji. Fl-ewwel lok ir-relazzjoni difficli illi l-attrici kellha ma' missierha u l-fatt li hadd mill-familjari taz-zewgt partijiet ma ried li dan iz-zwieg isehh. Ir-raguni vera ghaliex dan gara ma tohrogx cara mix-xhieda ghalkemm il-konvenut f'xi parti mix-xhieda tieghu jghid illi l-familjari ta' l-attrici kellhom xi suspetti illi huwa kellu tendenzi omosesswali, kif ukoll tghid

l-attrici fix-xhieda taghha. Jidher ukoll illi l-koppja kellhom problema serja finanzjarja. Izzewgu minghajr ma kellhom dar fejn joqoghdu u marru joqoghdu mal-genituri tal-konvenut. Xi tliet xhur wara z-zwieg xtraw dar f' Hal Qormi li milli jidher kienet tinvolvi spejjez kbar, tant illi l-konvenut ighid li marru jghixu f'dar vojta, dar li lanqas kellhom mezzi biex jimmobbiljawha. Jirrizulta wkoll illi l-koppja izzewwget f'qasir zmien, madwar sena u nofs wara li bdew johorgu flimkien. Jidher illi r-raguni 'l ghala dan iz-zwieg sehh malajr kien peress illi l-attrici kienet imdejqa id-dar minhabba l-oppozizzjoni qawwija li kienet qed issir min-naha tal-missier u ghalhekk minn qabel iz-zwieg marret tghix ghand il-genituri tal-konvenut. Ta' min wiehed jirrileva illi hadd mill-familjari tal-partijiet ma xehed f'din il-kawza.

Illi jidher mix-xhieda illi l-kontendenti kienu jiehdu l-prekawzjonijiet kollha biex l-attrici ma tinqabadx tqila, izda stramba kif f'parti mix-xhieda tieghu, il-konvenut imbaghad ighid illi l-attrici harget tqila madwar seba' xhur wara z-zwieg u korriet ftit wara. Mistoqsi jekk jafx jekk din it-tarbija kenitx il-wild natunali tieghu, huwa jirrispondi illi lanqas biss jaf.

Illi ghalkemm jirrizulta kemm mix-xhieda tal-konvenut kif ukoll minn dak li tghid l-attrici meta xehdet quddiem l-esponenti illi kienet l-attrici stess li ssugeriet li ma jkollhomx tfal, fl-affidavit taghha, hija mbaghad tghid illi kien il-konvenut li kien qalilha mal-ewwel qabel izzewgu illi huwa tfal ma riedx u anke illi ommu kienet izzomm mieghu f'dan

l-aspett. Hi min-naha taghha tghid illi r-reazzjoni taghha kienet illi ma kenitx toggezzjona, *"imbaghad wara z-zwieg naraw"*.

Illi din il-konfliggenza serja ghalhekk tpoggi d-dubbju fuq min mill-partijiet fil-fatt qieghed ighid il-verita`. Fatt mhux kontestat madanakollu huwa illi l-partijiet izzewgu f'qasir zmien. Ma jidhirx illi kien sar xi ppjanar serju dwar il-familja. L-attrici kienet telqet mid-dar tal-genituri taghha u kienet qeghda tghix ghand il-konvenut mal-familjari tieghu. Jidher illi omm il-konvenut kienet qed tgorr ghal fatt illi kienu qeghdin ighixu taht l-istess saqaf u ma kenux mizzewgin u allura gew darhom mal-hajt u zzewgu. Jirrizulta illi wara z-zwieg il-koppja kienu jiehdu l-prekawzjonijiet biex ma jkollhomx tfal u anke l-att taz-zwieg ma kienx ikun wiehed shih. Dan jikkonfermawh it-tnejn li huma.

Illi jidher ukoll mill-provi prodotti illi komunikazzjoni bejn il-koppja ma tantx kien hemm la qabel iz-zwieg u lanqas wara. Huma ighidu illi wara iz-zwieg ftit li xejn kienu jiltaqghu minhabba l-impenji taghhom tax-xoghol. Il-konvenut kien jahdem bix-xift u kien ikun id-dar fil-hin illi l-attrici kienet tkun ghax-xoghol. Inoltre l-konvenut ighid illi hekk kif l-attrici ltaqhet ma' Stephen Bartolo r-relazzjonijet bejniethom waqfu ghal kollox.

Illi l-istess perit legali Dr. Edwina Grima waslet ghal din il-konkluzjoni:

*"Illi dan kollu jwassal lill-esponenti ghall-konvinzjoni illi l-kontendenti fil-mument ta' l-ghotja tal-kunsens kienu eskludew l-element tal-prokreazzjoni".*

Illi fis-sentenza **"Bernardette Debono xebba Gauci vs Mario Debono"** P.A. (N.A.) 16 ta' Settembru 1996), il-Qorti sostniet li:

*"Min jidhol fiz-zwieg bil-hsieb maghmul (l-eskluzjoni pozittiva), fil-mument li jinghata l-kunsens, li jcahhad lill-parti l-ohra minn dan id-dritt ossia li jonqos minn dan id-dover* (hawnhekk il-Qorti qed taghmel refenenza ghad-dritt ghat-tfal)*, ikun qieghed jinkorri fin-nullita` ravvizata fl-**artikolu 19(1)(f) tal-Kap.255** ………..Biex tikkonkludi, ghalhekk, din il-Qorti tosserva li ghall-fini ta' dana l-kap ta' nullita` ... dak li jrid jigi ppruvat, sal-grad li tur l-Ligi taghna fil-kamp civili, u li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti wahda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-hsieb maghmul li jcahhad lill-parti l-ohra mid-dritt kif iktar 'l fuq imfisser, ossia li tonqos mid-dover korrispondenti. Tali prova tista' ssir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-sens - basta li l-Qorti tqishom, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens, cjoe' ghaz-zwieg."*

Illi l-istess perit legali sostniet li hija konventa illi l-partijiet mhux biss eskludew it-tfal, izda illi l-kunsens matrimonjali

taghhom kien simulat b'mod totali u dana ghas-segwenti ragunijiet:

**(A) L-INFEDELTA` TA' L-ATTRICI**

Illi mix-xhieda fil-fatt johrog illi l-attrici kellha relazzjoni extra-konjugali ma' certu wiehed Stephen Bartolo, liema relazzjoni jidher illi wasslet ghas-separazzjoni. Fil-fatt l-attrici tammetti ma' zewgha illi kienet thobb lil dan Stephen. Stramb ukoll il-fatt illi wara illi l-konvenut saf jaf illi martu kienet thobb ragel iehor, huma bhala koppja kienu saru hbieb ma' dan ir-ragel u cjoe' ma' Stephen u mal-mara tieghu u anke hargu flimkien u marru ghandhom id-dar.

Illi donnu li l-konvenut ma kienx wisq jinteressah jekk martu kenitx fidila lejh o meno. Iktar kien oggezzjona missier l-attrici ghal dan, meta sahansitra beda jhedded li ser joqtol lil dan Stephen meta r-relazzjoni taghhom harget fil-miftuh. Min-naha tieghu l-konvenut ipprova jikkalma s-sitwazzjoni, meta r-reazzjoni tieghu x'aktarx kellha tkun wahda differenti. Minflok huwa ghamel hbieb mhux biss ma' dan Stephen, izda ukoll mal-mara tieghu Moira u sahansitra kienu anke bdew johorgu flimkien u dana wara li martu stess kienet ammettiet mieghu li kienet thobb lil dan Stephen. Mhux biss, izda l-konvenut kien anke halla lil martu u lil Stephen wahedhom id-dar meta kien jaf b'din is-sitwazzjoni u dan peress illi kif ighid hu missier l-attrici kien qed ihedded li ser joqtlu. Illi din il-Qorti taqbel mal-osservazzjonijiet li ghamlet il-perit legali li ma tarax illi din l-

iskuza taghmel wisq sens, anzi hija konvinta illi ghal konvenut ma kienx wisq jimportah jekk martu jkollhiex relazzjoni ma haddiehor jew le, u sahansitra anke qabel iz-zwieg din kienet ir-reazzjoni tieghu meta l-attrici baqghet tiltaqa' ma' l-gharus precedenti taghha fl-istess zmien illi hija kienet qed tohrog mieghu u kien biss fuq insistenza ta' missier l-attrici, ghal darb' ohra illi l-attrici qatghet din ir-relazzjoni ma' certu Jason Meilaq.

Illi l-attrici tghid illi hija fil-fatt bdiet tohrog mal-konvenut iktar biex tinki lil dan Jason Meilaq milli ghaliex verament kienet thobb lill-konvenut ghaliex fir-realta` fil-fatt hija kienet ghadha thobb lil dan Jason u anke baqghet tiltaqa' mieghu kif diga` inghad. Jidher illi l-konvenut rega' ma oggezzjonax ghal dan, izda hija qatghet minn mieghu minhabba missierha. Ftit wara l-hajja taghha fid-dar tal-genituri saret impossibbli u kellha titlaq tant illi fl-ahhar giet darha mal-hajt u kellha tizzewweg lill-konvenut. Jidher illi kien b'dana l-animu illi l-attrici dahlet ghall-hajja taz-zwieg u mhux ghaliex verament kienet thobb lill-konvenut.

Illi ghall darba ohra din il-Qorti tikkondividi l-opinjoni ta' l-espert legali meta din sostniet li *"din certament ma kienitx bazi soda bizzejjed ghall-hajja taz-zwieg. Illi fil-mument ta' l-ghotja tal-kunsens ghalhekk l-attrici iktar bdiet tara zzwieg bhala l-mezz biex teghleb il-problemi ta' hajjitha milli bhala l-komunjoni ta' hajja bejn mara u ragel li twassal ghat-twelid ta' familja gdida. Tant illi ftit xhur wara z-zwieg hija qabdet relazzjoni extra-konjugali ma' ragel iehor".*

## (A) L-ALLEGAZZJONI TA' L-OMOSESSWALITA` TAL-KONVENUT

Illi f'dan l-aspett ukoll hemm konfliggenza fix-xhieda prodotta. Fil-waqt illi l-attrici tishaq illi l-konvenut kellu tendenzi omosesswali u anke sahansitra illi kellu relazzjonijiet ma' diversi irgiel, il-konvenut min-naha tieghu jichad kategorikament illi din hija ir-realta`. Mistoqsi kemm-il darba mid-difensuri ta' l-attrici rigward dan is-suggett u anke dwar allegati relazzjonijiet ma' rgiel ohra l-konvenut jibqa' ripetutament jichad illi din hija l-verita`. L-attrici pproduciet zewg xhieda li xehdu permezz tal-procedura ta' l-attidavits. Kemm Stephen Bantolo kif ukoll certu Joseph Zammit ighidu illi l-konvenut ghandu dawn it-tendenzi u Joseph Zammit sahansitra jixhed illi kellu relazzjonijiet sesswali mieghu.

Illi dawn ix-xhieda qatt ma xehdu viva voce quddiem il-espert legali u lanqas sar lilhom xi kontro-ezami. L-uniku persuna li xehed quddiem l-istess perit legali kien il-konvenut li baqa' jichad dak kollu illi dawn in-nies xehdu fl-affidavits taghhom. Il-konvenut jikkonferma illi missier l-attrici kien qieghed joggezzjona illi bintu tizzewgu minhabba li kien hemm xi ghajdut illi huwa kien omosesswali, izda xorta wahda jibqa' jichad illi dan huwa minnu. Fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti thoss illi l-beneficcju tad-dubju ghandu jmur favur il-konvenut, anke ghaliex, din il-Qorti zzid, li l-attrici ma ressqitx provi fil-grad

necessarju fil-ligi sabiex tissostanzja din l-allegazzjoni minnha vantata, meta kien l-oneru taghha li tipprova.

Illi fil-fatt ghalkemm mistoqsi ripetutament fuq dan il-fatt mid-difensur ta' l-attrici u ghalkemm saret insistenza mill-istess difensur biex il-konvenut jammetti dan il-fatt, huwa xorta wahda baqa' jichad u dan ghall kollox b'mod konsistenti.

Illi bhala konkluzjoni allura din il-Qorti, taqbel mal-istess perit legali li kkonkludiet *"li anke kieku stess wiehed kellu jeskludi l-omosesswalita` tal-konvenut, xorta wahda hija tinsab konvinta illi anke l-konvenut issimula l-kunsens tieghu taz-zwieg b'mod totali u dan ghaliex jidher car illi ghalih il-kuntratt taz-zwieg illi huwa dahal ghalih ma kien ifisser kwazi xejn"*.

Illi in effetti l-konvenut stess ighid fix-xhieda tieghu illi: *"il-hajja mizzewga kienet kwazi inezistenti ... nghid ghalija dan kien zwieg tal-hamiem."* Fl-ewwel lok jidher kif diga` inghad illi ftit kien jimporta ghalih illi s-siehba tieghu kienet qed tiltaqa' ma' rgiel ohra kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara. Ir-reazzjoni tieghu ghall-fatt illi martu kienet saret thobb ragel iehor ftit xhur biss wara z-zwieg kienet wahda kalma ghall-ahhar, anzi huwa ghamel hbieb ma' dan ir-ragel. Huwa jghid ukoll illi kienu zzewgu ta' malajr minhabba l-problemi li l-attrici kellha ma' missierha d-dar u mhux ghaliex fil-verita` huma xtaqu jizzewgu lil xulxin bhala mahbubin.

Illi finalment meta wiehed ihares lejn l-istampa ta' dan iz-zwieg, jekk wiehed jista' isejjahlu tali, jirrizulta illi din l-istampa hija wahda imcajpra hafna. Zwieg li sehh malajr, fid-dawl ta' l-isfond familjari ta' l-attrici xejn sabih ikkaratterizzat anke b'incidenti ta' vjolenza mill-missier. L-attrici wkoll tghid illi hija lanqas biss trabbiet id-dar, izda gewwa *Angela House* u hekk kit sabet l-opportunita` hija telqet mid-dar. L-opportunita` ghaliha kien il-konvenut li ltaqghet mieghu fuq il-post tax-xoghol u bdiet tohrog mieghu iktar biex tinki persuna ohra milli ghaliex kienet thobbu, imhabba illi donnha qatt ma nibtet bejn il-partijiet. Komunikazzjoni bejn il-koppja ma kienx hemm la qabel u wisq anqas wara z-zwieg, lanqas ippjanar ma kien hemm. Anzi jidher illi l-uniku haga li ppjanaw kienet illi ma jkollhomx tfal fil-hajja mizzewga taghhom. Ftit xhur wara z-zwieg, imbaghad l-attrici mill-ewwel saret thobb ragel iehor, fattur li wassal lill-esponenti ghall-konvinzjoni illi hija fir-realta` qatt ma kienet thobb lil zewgha. Il-konvenut min-naha tieghu donnu illi ftit kien jinteressah minn dak li kienet taghmel martu u kien ihalliha libera taghmel li trid, filwaqt illi hu seta' jaghmel li jrid. Din in-nuqqas ta' mhabba bejn il-koppja, kif ukoll l-intenzjoni li ma jkollhomx tfal, anke tirrifletti ruhha fil-fatt illi huma bil-kemm kien ikollhom x'jaqsmu flimkien matul il-hajja mizzewga taghhom u jidher illi hekk kif l-attrici saret thobb lil Stephen Bartolo dawn ir-relazzjonijiet waqfu ghal kollox.

Illi fid-dawl tal-provi prodotti quddiemha f'dawn il-proceduri u anke in vista tal-mod kif il-partijiet xehdu, il-Qorti thoss illi l-kunsens kemm ta' l-attrici kif ukoll tal-konvenut kien simulat b'mod totali in vista tal-fatt illi l-kontendenti eskludew iz-zwieg fit-totalita` tieghu fil-mument ta' l-ghotja tal-kunsens matrimonjali taghhom u dana *ai termini* ta' l-**artikolu 19(1)(f) tal-Att taz-Zwieg** u li kwindi z-zwieg li gie ccelebrat mill-kontendenti fis-26 ta' Novembru 1994 huwa null u bla effett fil-Ligi.

Illi t-tieni aspett li gie konsidrat kien abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jipprovdi li:

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi kif gie affermat diversi drabi mill-Qrati Taghna, ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-**paragrafu (d) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255** kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000) inghad li:-

*"Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju (ara, **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10/11/95). Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (**"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"**, P.A., 15/4/96). Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar"**, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998)".*

Illi dwar dan l-aspett jinghad li fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz jidher li din ir-raguni tissussisti fil-konfront taz-zewg partijiet *stante* li dak li anima lill-attrici sabiex tersaq ghaz-zwieg kien biss l-inkwiet li kellha fil-familja taghha, hafna minnu gabitu hija stess fuqha, anke minhabba r-relazzjoni li hija kellha ma' persuna ohra, anke fil-mument li kienet gja qed tohrog mal-konvenut, li certament iwassal ghall-konkluzjoni logika li hija qatt ma fehmet, lanqas fil-mument tal-istess zwieg, ma fehmet l-import ta' dak li kienet qed taghmel, u dan maghdud mal-fatt li hija insistiet li ma jkollhiex tfal, u l-fatt li hija ftit wara z-zwieg qabdet relazzjoni ma' persuna ohra, kollha jwasslu lil din il-Qorti ghall konvincement morali li min-naha tal-attrici kien hemm *"difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha".*

Illi l-istess jista' jinghad min-naha tal-konvenut, u dan peress li fl-ewwel lok qabel mal-attrici kemm qabel u wara z-zwieg li huma ma kienux ser ikollhom jew jipprovaw ikollhom tfal, u di piu' jidher li accetta s-sitwazzjoni tal-attrici li kemm qabel u kemm wara l-istess zwieg hija kellha relazzjonijiet ma' persuni ohra u mhux biss mieghu.

Illi fid-dawl ta' dan kollhu din il-Qorti ma thossx li ghandha tezamina ulterjurment ir-raguni migjuba taht l-**artikolu 19 (1) (g) tal-Kap 255,** *stante* li kif diga inghad hemm bazi li l-istess zwieg jigi annullat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f)**

**tal-Kap 255,** u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha f'dan is-sens.

## IV. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu jikkontrastaw mat-talbiet attrici biss, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett fil-Ligi *ai termini* tal- **artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

Illi *stante* c-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez kollha tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Mejju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju 2002**